

32004D0107

5.2.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 32/11

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tat-22 ta' Diċembru 2003****dwar il-konklużjoni ta' Protokoll addizzjonali għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri min-naħa, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, li jistabbilixxi l-arranġamenti tal-kummerċ għal ċerti prodotti tal-ħut u tas-sajd**

(2004/107/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Huwa mixtieq illi permezz ta' Protokoll addizzjonali jitlestha l-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri min-naħa, u r-Rumanija min-naħa l-oħra ⁽¹⁾, sabiex jipprovdu għal kondizzjonijiet preferenzjali għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti prodotti ta' ħut u tas-sajd li joriġinaw mir-Rumanija, u fir-Rumanija ta' ċerti prodotti ta' ħut u tas-sajd li joriġinaw fil-Komunità.
- (2) Għal dan il-għan Protokoll ġdid li jistabbilixxi l-arranġamenti tal-kummerċ għal ċerti prodotti ta' ħut u tas-sajd, għandhom jiġu miżjuda ma' l-istess Ftehim Ewropew.
- (3) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

Artikolu 1

Il-Protokoll addizzjonali, tal-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri min-naħa u r-Rumanija min-naħa l-oħra, li jistabbilixxi l-arranġamenti tal-kummerċ għal ċerti prodotti ta' ħut u tas-sajd, huwa b'dan approvat għall-Komunità.

It-test tal-Protokoll addizzjonali huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnotifika l-approvazzjoni tal-Komunità tal-Protokoll lill-Gvern tar-Rumanija skond l-Artikolu 4 tiegħu.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 2003.

*F'isem il-Kunsill**Il-President*

A. MATTEOLI

⁽¹⁾ ĠU L 357, tal-31.12.1994, pġ. 2.